# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Novembru, 2001**

**Numru 5**

**Cit. Nru. 742/00(F1) GCD**

**Joseph u Maria konjugi Gauci**

**Vs**

**Medcast Foundry Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi, wara li qalu:

Illi l-attur Joseph Gauci ezegwixxa xoghol ta' "foundry patterns" b'inkarigu tas-socjeta` konvenuta, u ghal dan ix-xoghol hu dovut mill-istess socjeta` l-ammont ta' elfejn mitejn u hmistax-il lira Maltin (Lm2,215.00), rapprezentanti l-bilanc ta' ammont akbar li hu l-valur tax-xoghol ezegwit;

Illi s-socjeta` konvenuta, mitluba thallas l-ammont hekk dovut, baqghet ma hallsitx; u

Illi l-ammont hawn fuq imsemmi jikkostitwixxi debitu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta' l-atturi s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghar-rigward tad-debitu involut;

Talbu illi din il-Qorti:

1. tordna d-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Procedura Civili; u

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-atturi l-ammont ta' elfejn mitejn u hmistax-il lira Maltin (Lm2,215.00) dovut mill-istess socjeta` kif fuq jinghad;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali ta' l-4 ta' Novembru, 1999 u tal-mandat ta' sekwestru li nhareg fis-7 ta' April, 2000, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Joseph Gauci u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm